MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 41/09

It-Tlieta 15 ta' Settembru 2026

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-ħamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Romeo Baldacchino – Sindku
Andrew Dalli – Viċi Sindku
Maria Bailey Micallef – Kunsilliera
Stefan Caruana – Kunsillier
Claire Chetcuti – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

41.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

41.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

41.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

41.4 Approvazzjoni tal-Management Letter u l-Ittra tar-Risposta tal-Kunsill;

41.5 Attivitajiet fil-Gudja;

41.6 Konferenza tal-Proġett tal-Unjoni Ewropea D.I.R.E.;

41.7 Is-Sitwazzjoni tal-binja tal-Kunsill;

41.8 Approvazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji ta' Kull Kwart (Jan – Mar) (Jan – Ġun);

41.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

41.10 Temi oħra tal-Kunsill Lokali; a. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
b. Proġett tal-Ġnien il-Ħelsien – progress
c. Proġett tal-Housing Estate – progress

41.11 Rapporti;

41.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

41.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Minuti
Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku ppresedja l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

41.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li kienx hemm ittra ta' apoloġija.

41.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 40/09 nem con.

41.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

41.3.1 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill ma rċieva l-ebda risposta dwar il-pavimentar madwar it-tappiera ta' Triq William Baker. Il-Kunsill ser jerġa jibgħat tfakkira.

17:37hr Il-Kunsillier S.Caruana ingħaqad fil-laqgħa.

41.3.2 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li hemm bżonn isir talba lill-TM biex Triq J.Sacco tiġi one way u tal-linja tgħaddi minn Triq il-Barjola għal Triq Gravina u l-stage jiġi lejn Triq Gravina. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

41.3.3 Is-Sindku propona sabiex il-Kunsill jitlob biex jitneħħa l-bus stop marking fi Triq Raymond Caruana u minflok isiru żewġ parkeġġi għal karozzi. Il-Kunsillier S.Caruana qal li jekk ħa jsiru żewġ parkeġġi, min ħa jkun responsabbli jekk jiġri xi incident, meta bniedem jinżel minn tal-linja u tinstaq xi karozza. Is-Sur Caruana propona sabiex il-bus stop tersaq fejn il-Kappella ta' Santa Katerina. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

41.3.4 Is-Sindku preżenta l-kwotazzjonijiet għal xiri u installazzjoni ta' sleeping policeman fi Triq J.Gravina. Dawk preżenti approvaw unanimament l-irħas offerta.

41.3.5 Is-Sindku għamel referenza għat-tiżjin tal-Milied fil-lokalita' tal-Gudja, fejn dawk preżenti qabblu li jinforma lill-Għaqda Mużikali Maria Assunta li għandu jsir il-kliem Awguri mill-Kunsill u jitneħħa l-annu. Il-Kunsill qabel ukoll li jinforma lis-Soċjeta Mużikali La Stella biex jikkunsidraw jarmaw id-disinn tas-sena l-oħra mill-Villa ta' Dalli sa Triq il-Kbira c/w Triq Ġlormu Cassar u minn Triq il-Kbira c/w Triq Ġlormu Cassar sa Triq Ħal Safi jintrama dawl il-ġdid. Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda risposta minn naħa tal-Gudja United F.C. Il-Kunsill qabel ukoll li s-somma li ser tingħata lill-għaqdiet tkun għal 1,300Eur minflok għal Eur 1,100.

18:07hr Il-Kunsillier M.Micallef tablet sabiex tiġi skużata.

41.3.6 Ġiet preżentata l-kwotazzjoni għal xiri ta' jigger għal ħtiġijiet tal-Kunsill. Dwar dan kine hemm qbil minn dawk preżenti.

41.3.7 Ġiet preżentata Ċirk AKL2026/063 dwar Proċedura għall-Kontroll tal-Ħamiem Selvaġġ u Servizzi tas-Saħħa Ambjentali, fejn intbgħatet il-proċedura li l-Kunsill Lokali għandhom isegwu jekk ikunu jixtiequ jieħdu azzjoni għall-kontroll tal-ħamiem selvaġġ fil-lokalita' tagħhom. Dwar dan il-Kunsill qabel li jiġu mplimentati l-proċeduri meħtieġa.

41.3.8 Ġie preżentat ir-Rapport ta' Contracts Manager għax-xahar ta' Awwissu/Settembru 2026. Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li fil-jiem li għaddew kellu laqgħa mas-Supervisor li jieħu ħsieb is-servizz tal-knis u l-kenniesa fil-lokalita'. Is-Sindku qal li nfurmah bin-nuqqasijiet li qed ikun hemm fis-servizz u li huwa ferm importanti li s-servizz jingħata b'iktar mod effiċjenti u li l-ħaddiema jiġu kkontrollati aktar. Is-Sindku talab biex jiġi ċċekjat jekk il-Ġnien R.Caruana u Ġnien Ġlormu Cassar humiex inklużi fl-iskeda tal-knis.

41.3.9 Ġiet preżentata l-kwotazzjoni dwar l-installazzjoni ta' CCTV Camera taħdem bis-solar għal Triq Ħal-Resqun. Din il-kwotazzjoni tammonta għall-ammont sostanzjali u ġie mitlub biex isir reviżjoni.

41.3.10 Ġiet preżentata l-korrispondenza li ntbgħatet mill-programm BONĠU Malta fejn minn naħa tagħhom talbu sabiex nikkonfermaw rigward id-data tal-programm biex isir live mill-Gudja. Il-Kunsill qabel li l-programm mill-Gudja isir nhar il-Ħadd 17 ta' Jannar 2027.

41.3.11 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti dwar l-attivita' sportiva li ser isir nhar il-Ħadd 27 ta' Settmebru 2026. Il-Kunsill qabel li l-attivita' isir mill-10.30am sa 1:00pm wara l-quddiesa tal-familji. Il-membri tal-Kunsill qabblu wkoll li l-Kunsill jibgħat lill-għaqdiet biex jarmaw bi stall waqt din l-attivita' u kif ukoll lis-sid tal-gabbana tal-Ġnien Raymond Caruana.

41.3.12 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-permessi tal-gabbani tal-festi ser jibqa' kollox bħas-snin ta' qabel. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

41.3.13 Ġiet preżentata l-approvazzjoni li ntbgħatet mill-Lands Authority dwar il-proġett tat-tisbiħ taż-żona tal- Mitħna Housing Estate.

41.3.14 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li hemm bżonn jinġiebu l-kwotazzjonijiet biex jinżabru s-siġar tal-Housing Estate. Dawk preżenti qablu ma' dak propost. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill għandu wkoll jagħmel talba biex jingħqalu ċertu siġar li qed jagħmlu ħafna ħsara liċ-ċnut speċjalment issa li ser ikun qed isir proġett ta' tisbiħ u minflok jitħawwlu siġar oħra indiġini.

1.4 Approvazzjoni tal-Management Letter u l-Ittra tar-Risposta tal-Kunsill;

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta il-Management Letter u r-Risposta tal-Kunsill għal Management Letter 2025 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Segretarju nfurmat lil dawk preżenti li ma kienx hemm nuqqasijiet kbar u li ħafna minnhom se jiġu diskussi mall-accountant tal-Kunsill. Is-Sindku propona sabiex dawn l-ittri jiġu approvati. Il-Viċi Sindku A Dalli ssekonda. Il-Management Letter u Risposta għal Management Letter ġew approvati minn dawk preżenti.

41.5 Attivitajiet fil-Gudja;

Is-Sindku għamel referenza għall-Skema SPI/SCI/07/2026 Finanzjament – Attivitajiet Kulturali Annwali 2027 fejn propona sabiex il-Kunsill jerga' japplika għal din l-iskema biex is-sena dieħla titella' din l-attivita' agrikola bl-isem ta' Festa Ambjent, Frott u Fjuri fil-Gudja. Sfortuntament matul din is-sena, il-Kunsill ma kienx f'pożizzjoni li jagħmel din l-attivita' . Dwar dan kien hemm qbil unanimu biex il-Kunsill japplika għal din l-iskema finanzjara.

41.6 Konferenza tal-Proġett tal-Unjoni Ewropea D.I.R.E.;

Is-Segretarju Eżekuttiv tat ftit informazzjoni dwar il-preparamenti li għaddejin fuq il-konferenza li ser isir bejn is-6 u d-9 ta' Novembru 2026 ġewwa Malta. Wara li saret is-sejħa fost il-familji biex it-tfal tagħhom jipparteiċpaw f'dan il-proġett, il-Kunsill irċieva 4

applikazzjoni minn 4 familji, fejn b'kollox ser jieħdu sehem sitt t'itfal. Il-Kunsill qabel li matul il-ġurnata tas-Sibt, il-konferenza ssir ġewwa l-Esplora u matul il-ġurnata tal-Ħadd isir ġewwa l-Knisja ta' Bir Miftuħ. Il-membri tal-Kunsill qabblu li l-Kunsill iħallas il-biljett tal-ajru ta' tfal li ser jipparteċipaw fil-konferenza ġewwa l-Italja matul is-sena 2027.

41.7 Is-Sitwazzjoni tal-binja tal-Kunsill;

Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill għamel it-talba tiegħu għall-Direct Order biex il-Kunsill ikun jista' jikri l-binja tal-Kunsill għal dawn is-sitt xhur li ġejjin sa Frar 2027 sakemm jakkwista l-approvazzjonijiet kollha ħabba x-xiri. Il-Kunsill bgħat id-dokumenti kollha relatati għal din it-talba. Din it-talba saret lid-Dipartiment tal-Kuntratti.

41.8 Approvazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji ta' Kull Kwart (Jan – Mar) (Jan – Ġun);

Dan l-item ma ġiex diskuss

41.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

41.9.1 Il-Kunsilliera C.Chetcuti talbet sabiex jinġabru xi siġar tal-Oleander fi Triq Ħal-Tarxien.

41.9.2 Il-Kunsillier S.Caruana talba sabiex tintbgħat korrispondenza lill-Kunsill ta' Ħal-Luqa biex tiġi mnaddfa ż-żona ta' Loreto peress li din il-parti taqa' mall-konfini ta' Ħal-Luqa. Is-Sur Caruana talab ukoll sabiex isir laqgħa ma' Direttur ta' DLG dwar il-konfini tal-Gudja.

41.9.3 Il-Kunsillier S.Caruana nforma lil dawk preżenti li ġie avviċinat mis-Sa. Christina Stefan sabiex il-Kunsill Lokali tal-Gudja jkun partner fi proġett tal-Earasmus+ li qed tikteb relatat mall-edukaturi. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

41.10 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
b. Proġett tal-Ġnien il-Ħelsien – progress
c. Proġett tal-Housing Estate – progress

41.11 Rapporti;

Ma kienx hemm.

41.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

Il-pagamenti nru 28/9 kif ippreżentata ġiet ippproponuta mill-Viċi Sindku A. Dalli u sekondata

mill-Kunsilliera C.Chetcuti għall-ammont totali ta' €23,216.83 u ġiet approvata nem con.

40.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa ntemmet fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (7:30pm). Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Ħamis 15 ta' Ottubru 2026 fil-5.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum il-Ħamis 15 ta' Ottubru 2026

ffirmati
Romeo Baldacchino
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv